**FIL-QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
Bhala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali

**MAĠISTRAT**
**DR. CAROLINE FARRUGIA FRENDO**
***B.A. (Legal and Humanistic Studies), LL.D.,***
***M.Juris (International Law), Dip. Trib. Eccl. Melit.***

**Kumpilazzjoni Numru: 424/2019**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Godwin Scerri)**

**vs**

**Omar Orsini**

**Illum 17 ta' Ottubru, 2023**

**Il-Qorti;**

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra:

Omar Orsini bin Raymond u Maria Dolores xebba Busuttil, imwieled il-Pieta' nhar l-24 ta' Ottubru 1992 u residenti nru 25, 'Raydor', Triq tal-Plier, Ħaż-Żabbar u detentur tal-karta ta' l-identita' numru 516492M;

Akkużat talli nhar is-6 ta' Settembru 2018, fil-ħinijiet ta' wara nofs in-nhar fi Triq it-Turisti, San Pawl il-Baħar,

Mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' Issahak Abubakar f'periklu ċar ikkaġunalu ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa liema ħsara hija ta' natura gravi hekk kif iċċertifikat minn Dr Mario Scerri bi ksur ta' l-Artikolu 216 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Il-Qorti hija ġentilment mitluba sabiex, tipprovdi għas-sigurta' ta' l-imsemmi Issahaku Abubakar min issa tapplika l-provvedimenti tal-Artikoli 412C tal-Kodiċi Kriminali u toħroġ Ordni ta' Protezzjoni taħt dawk il-kawtieli li din il-Qorti jidhrilha li huma xierqa.

Il-Qorti hija wkoll ġentilment mitluba sabiex f'każ ta' ħtija tikkundanna lill-akkużat għall-ħlas ta' spejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-proċeduri hekk kif ikkontemplat fl-Aritkolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Il-Qorti rat id-dokumenti kollha eżebiti u semgħet ix-xhieda kollha miġjuba quddiemha.

Rat l-artikoli maħruġa mill-Avukat Ġenerali datati 5 ta' Awissu 2021 fejn jidhirlu illi minn din il-kumpilazzjoni tista' tinstab ħtija taħt dak li hemm maħsub:-

1. Fl-artikoli 17 u 31 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
2. Fl-artikolu 216(1)(a)(ii)(iii) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
3. Fl-artikoli 218(1)(a) u 218(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
4. Fl-artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
5. Fl-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta

Rat li fis-seduta datata 17 ta' Settembru 2021 quddiem din il-Qorti kif preseduta inqraw l-Artikoli u l-imputat iddikjara li m'għandux oġġezzjoni li l-każ tiegħu jiġi trattat b'mod sommarju.

**Ikkunsidrat**

Dan il-każ si tratta ta' ġlieda li kellu l-imputat mal-parti civile Issahak Abubaker. Huwa jgħid li fid-data ta' l-inċident huwa kien xogħol għax jaħdem bħala bus driver, kif wasal Buġibba sema' ħorn u ra van abjad ġej mill-ġenb tiegħu u fih kien hemm persuna li qed tagħmillu sinjal bil-mobajl f'idejha. Hu waqaf u l-imputat ħareġ nill-karozza u mar għall-bieba tiegħu, hu waqqaf il-karozza, ħarġu l-passiġġieri u ġie l-imputat, beda jħossu minn wara u kif dar ra lill-imputat, u wara argument l-imputat ta daqqa fuq ħalq il-parte civile b'rasu umbagħad qabdu u ġibdu lejh u l-parte civile waqa' fuq il-bankina, minn hemmhekk ma baqax iħoss idejh. Huwa mar l-għassa tal-pulizija u hemmhekk xi ħadd prova jirranġalu idejh li kienet żlugata. Huwa mar il-Health Centre tal-Mosta u hemmhekk ikklassifikaw il-ġrieħi tiegħu bħala ħfief. Jirriżulta pero' li huwa dam muġugħ u kellu jmur għal xi testijiet u hemmhekk irriżulta li kellu jagħmel operazzjoni u minħabba f'hekk kellu jieqaf jaħdem.

Fil-fatt il-ġrieħi li sofra il-parte civile ġew ikkonfermati mill-eżami mediko legali li mexxa Dr. Mario Scerri u li jirriżulta mill-atti, li l-ġrieħi li sofra huma ta' natura gravi. Jikkonferma ukoll dan Dr John Casaletto li huwa l-persuna li ikkura lill-parte civile u li ikkonferma li huwa kellu jagħmel operazzjoni minħabba li sofra ġrieħi relatati ma' dan l-inċident. Huwa jippreżenta wkoll il-*medical notes* ta' l-isptar li jindikaw li l-istess parte civile effettivament sofra minn ġrieħi ta' natura gravi tant li kellu jopera ruħħu.

**Ikkunsidrat**

F'dan il-każ id-difiża ma tellgħetx provi. Lanqas ma xehed l-imputat biex il-Qorti tara l-verżjoni ta' l-imputat x'kienet. Illi fl-atti tal-proċeduri ġew preżentati xi CCTVs iżda minn dawn ma tirriżultax l-aggressjoni. Għalhekk il-Qorti għandha biss quddiemha x-xhieda ta' Abubaker u xejn aktar.

Il-Qorti sejra tagħmel referenza għal dak li jiddisponi l-Artikolu 638(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, u cioe':

*"2) B'dan kollu, f'kull każ, ix-xiehda ta' xhud biss, jekk emmnut minn min għandu jiġġudika fuq il-fatt, hija biżżejjed biextagħmel prova sħiħa u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt ġie ippruvat minn żewġ xhieda jew aktar."*

F'dan il-każ ix-xhud huwa l-unika persuna li jagħti dawl fuq dak li ġara dak in-nhar. Il-Pulizija ma ressqet l-ebda prova okulari oħra, il-provi l-oħra kollha li tressqu kienu in konnessjoni mal-ġrieħi u c-CCTVs ippreżentati. Il-Qorti setgħet tikkumpara dak li qal Abubaker fil-Qorti ma' dak li qal *a tempo vergine* waqt li qed isir ir-rapport, u d-dettalji jikkombaċaw.

F'dawn iċ-ċirkostanzi għalhekk il-Qorti ma tistax u m'għandha l-ebda raġuni għalfejn ma temminx *in toto* lix-xhud Abubaker.

Għalhekk il-Qorti m'għandiex triq oħra għajr li ssib il-ħtija fir-rigward l-imputat.

Madanakollu l-Avukat Ġenerali jagħmel referenza fl-artikoli li ħareg għall-Artikolu 218(1)(a) u 218(2) tal-Kapitolu 9 tal-Lġijiet ta' Malta, meta l-imputat oriġinarjament kien notifikat bl-imputazzjoni ta' ferita gravi li tikklasiffika ai termini ta' l-Artikolu 216 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti ta' l-Appell fil-kawża *Il-Pulizija vs Michael Carter deċiża nhar is-7 ta' Dicembru 2001* ingħad is-segwenti:

*"Meta, invece, ir-rinviju ghall-gudizzju jsir skond is-subartikolu (3) tal-Artikolu 370 (u allura wiehed qed jitkellem fuq ghall-anqas reat wiehed, fost dawk imputati, li huwa ta' kompetenza tal-Qorti Kriminali), in-nota ta' rinviju ghall-gudizzju tassumi rwol simili ghal dak ta' l-att ta' akkuza quddiem il-Qorti Kriminali. Fin-nota ta' rinviju ghall-gudizzju skond l-Artikolu 370(3) ma jistghux jizdiedu reati li dwarhom ma tkunx saret il-kumpilazzjoni; l-Avukat Generali, naturalment, jista' jnaqqas reat jew reati u anke jzid skuzanti..."*

L-istess ingħad mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fil-kawża *Il-Pulizija vs Enrico Petroni u Edwin Petroni* deċiża nhar id-9 ta' Ġunju 1998.

Il-Qorti ta' l-appell kriminali fil-kawża *Il-Pulizija vs Francesco sice Godwin Scerri* deċiż nhar it-18 ta' April 2012 qalet is-segwenti:

"Fin-nuqqas ta' indikazzjoni differenti mill-Avukat Generali, l-artikoli citati mill-Avukat Generali u l-akkuza originali jridu jigu ezaminati flimkien ghal dak li jirrigwarda l-fattispecji partikolari tal-kaz."

Għalhekk il-Qorti ċertament li ma tistax issib ħtija ta' ferita gravi skond l-Artikoli 218(1)(a) u 218(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta stante li dawn ma jirriflettux iċ-ċitazzjoni notifikata lill-imputat, izda qed issib il-ħtija għal dak li jirrigwada l-Artikolu 2161(a)(ii) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

**Ikkunsidrat**

Għal dak li jirrigwarda l-piena li għandha tiġi inflitta, l-Qorti qed tieħu in konsiderazzjoni l-fedina penali ta' l-imputat, u l-aħħar entrata li kellu fil-fedina penali tirrisali għas-sena 2016, u għalhekk ma tħossx li f'din iċ-ċirkostanza l-Qorti għandha tagħti piena karċerarja effettiva lill-imputat.

**Decide:**

**Għal dawn ir-raġunijiet u wara li l-Qorti rat l-Artikolu 216(1)(a)(ii) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, ssib lill-imputat Omar Orsini ħati ta' l-imputazzjoni kif dedotta kontra tiegħu u bl-applikazzjoni ta' l-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta qegħda tilliberah bil-kundizzjoni li ma jagħmel l-ebda reat ieħor sa żmien tlett (3) snin mil-lum.**

**Dr. Caroline Farrugia Frendo LL.D.**
**Maġistrat**

**Maria Grech Cardona**
**Deputat Reġistratur**